**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 145 / 15RGM

Kawza fil-lista: 12

**R T X**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi r-rikorrent R T X u l-intimata D C izzewwgu nhar it-tletin (30) ta' Settembru, tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

Illi l-kunsens tar-rikorrent kien inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Illi l-intimata ghandha relazzjoni ma' mara ohra, fatt li r-rikorrent ma kienx jaf bih qabel iz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ukoll kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat stante li ghalkemm mhux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u / jew 19 (d) u / jew 19(h) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi l-intimata ma hiex qed tikkontesta l-fatt ilii z-zwieg taghha mal-attur huwa null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi pero dan mhux minhabba ragunijiet hekk kif migjuba minn l-attur;

Illi ma hux vera li l-kunsens ta' rikorrenti kien inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xoni taghha tfixkel ser;ar"nent il-haija mizzewga. Fil-fatt meta hija izzewget lir-rikorrenti hija kellha biss tmintax-il sena filwaqt li huwa kellu aktar minn sitta u tlettin (36) sena. L-intimata kienet stqarret ukoll mar-rikorrenti li hija kellha relazzjoni ma’ mara ohra u li ma kinitx certa bil-pass li kienet se taghmel. Nonostante dan ir-rikorrenti approfitta mis-sitwazzjoni konfuzzjonarja ta' l-intimata u bi vjolenza sfurzahha sabiex ghar-ragunijiet tieghu tidhol ghaz-zwieg;

Illi apparti dan iz-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null peress li l-kunsens tal-intimata inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga peress li r-rikorrenti meta izzewweg lill-esponenti kien mizzeweg ma’ mara ohra fl-Egitru li minnha kellu diga` zewgt itfal;

Illi tant hu hekk li z-zwieg ta' bejn il-partijiet lanqas biss gie ikkunsmat u ssegwi li huwa null u invalidu a tenur ta' l-artikolu 19A tal-Att dwar iz-Zwieg;

Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-intimata tirrileva li z-zewg eccezzjonijiet imqajjma fil-paragrafu 4 ta' l-attur jeskludu lil xulxin u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu kont taghhom;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Digriet taghha tat-22 ta' Settembru 2015 fejn innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jigbor il-provi f'din il-kawza,

Rat il-verbal maghmul waqt is-seduta mizmuma quddiem l-istess Assistent Gudizzjarju fl-20 ta' Marzu 2017 fejn id-difensur tal-konvenuta ammetta l-kawza peress illi l-orjentazzjoni sesswali tal-konvenuta minn ckunita hija diretta lejn in-nisa.

Rat li dan il-verbal il-konvenuta kkonfermatu bil-gurament taghha.

Rat il-verbal maghmul mill-partijiet fl-istess seduta ta' l-20 ta' Marzu 2017 fejn qablu illi l-kawza tibqa' minghajr taxxa bejniethom.

Rat l-atti kollha tal-kawza,

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur u rat ukoll illi l-konvenuta baqghet ma pprezentat ebda nota ta' sottimissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

L-attur in linea ta' provi ressaq biss l-Affidavit tieghu li jinsab a fol. 17 *et seq.* u l-konvenuta in subizzjoni[1].

Fix-xhieda tieghu l-attur, li huwa Egizzjan, jghid li huwa kien jaf lil missier il-konvenuta u sar jaf lilha fis-sena 1998 meta giet ir-restaurant fejn kien jahdem dak iz-zmien. Jghid li huma bdew johorgu flimkien u kienu jiltaqghu ta' spiss anke fid-dar tal-genituri tal-konvenuta, u li kien ihossu komdu mal-familja taghha. Huma ddecidew li jizzewgu wara biss hames xhur li kienu ilhom jafu lil xulxin u dan fi zmien meta lanqas kienu jafu sew lil xulxin. Skond l-attur dak iz-zmien

[1] Seduta 20 ta' Marzu 20167 quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

huwa kien ghadu kif ottjena divorzju minn ma' l-ewwel mara tieghu li kien izzewwigha gewwa l-Egittu u haseb li ma riedx jibqa minghajr mara, u ried ukoll famija. Jghid ukoll li dak iz-zmien ftit kellu hbieb u kien ihossu wahdu hawn Malta u kien ghalhekk ukoll li kien kien ifittex il-kumpannija tal-konvenuta u l-familja taghha.

Wara li gab id-divorzju, l-attur hataf l-opportunita` li jizzewweg lill-konvenuta, ghalkemm ommha ma xtaqitx li jizzewgu ghaliex filwaqt li huwa kien barrani, dak iz-zmien D kellha biss tmintax-il sena. L-attur jghid li konvenuta kienet tifla kwieta u tidher li kienet genwina, izda skond l-attur, wara z-zwieg il-konvenuta baqghet tghix hajja ta' xebba u ma kienetx taf x'jinvolvi z-zwieg. Ihoss li huma kienu ghagglu fid-decizjoni taghhom li jizzewgu ghalkemm jichad illi huwa qatt gieghel lill-konvenuta biex tizzewgu. Skond l-attur, taghhom ma kienx zwieg u ma kien xejn iktar minn hbiberija. Fil-fatt, ghadu hbieb maghha u mal-famija taghha sal-lum. Jispjega li qatt ma' kellu relzzjonijiet intimi ma' martu la qabel iz-zwieg u lanqas matul iz-zwieg u eventwalment, skopra li l-konvenuta kienet omosesswali, haga li skond hu, hi qatt ma svelata sakemm bdiet tohrog bil-lejl ma' nisa ohra u hu ikkonfrontaha. Kien f'dak il-mument li l-konvenuta stqarret mieghu li kienet omosesswali u li ghalkemm kienet ippruvat ikollha relazzjonijiet ma' irgiel qabel, ma rnexxilhiex. Skond l-attur, il-konvenuta kienet diga` taf qabel iz-zwieg li kienet omosesswali izda ma semmietlu xejn.

L-attur jghid li huwa kien sorpriz u kieku kien jaf li l-konvenuta kienet omosesswali, zgur ma kienx jizzewwigha ghaliex wara li z-zwieg tieghu ma' l-ewwel mara tieghu ma kellux success, huwa ried ikollu familja u li z-zwieg jirnexxi. Ghalkemm l-attur taha cans biex forsi tara xi trid jew minn hi, ma wasal imkien. Finalment, l-attur itennu li qatt ma kien hemm dik l-ghaqda li wiehed jistenna fiz-zwieg, anke ghaliex il-konvenuta ma kienetx matura bizzzejjed biex tidhol ghal din ir-rabta daqshekk importanti u d-decizjoni taz-zwieg saret b'mod mghaggel wisq.

In subizzjoni, il-konvenuta stqarret bil-gurament li l-orjentament sesswali taghha minn ckunitha dejjem kien dirett lejn in-nisa.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, ikkuntrattat fit-30 ta' Settembru 1998, huwa null u minghajr effett fil-ligi ai termini tal-paragrafi (c), (d) u (h) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet hlief fil-kaz ta' nullita` skond is-subinciz (c), fejn l-attur jattribwixxi l-htija unikament lill-konvenuta. L-Artikolu 19(1) in kwantu relevanti ghal dan il-kaz, jipprovdi:-

*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

***c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajj mizzewga;***

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

*omissis*

***h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.***

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta inizzjalment permezz tar-risposta guramentata taghha, filwaqt ma kkontestatx il-fatt li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null, ikkontestat ir-ragunijiet migjuba mill-attur in sostenn tat-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita`. Hija cahdet li n-nullita` kienet b'xi mod imputabbli lilha u sostniet li filwaqt li z-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens taghha inkiseb b'qerq, iz-zwieg baqa' qatt gie kkunsmat u ghalhekk huwa invalidu a tenur ta' l-Artikolu 19(1)A.

Ikun opportun qabel xejn li jigi osservat li ghalkemm il-konvenuta eccepit li z-zwieg huwa null a tenur ta' l-Artikolu 19A, il-Qorti mhijiex sejra tiehu konjizzjoni ta' din il-kawzali fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar it-talba ghan-nullita`, u dan billi l-imsemmi Artikolu 19A mhux imdahhal la fil-kawzali u lanqas fit-talba bhala wahda mir-ragunijiet ghan-nullita` taz-zwieg fir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur. Fil-fatt, it-talba ta' l-attur ghaz-zwieg hija ppernjata esklussivament fuq ir-ragunijiet kontemplati fis-subincizi (c), (d) u (f) ta' l-Artikolu 19(1) u fi kwalunkwe kaz, ma giet imressqa ebda kontro-talba da parti tal-konvenuta.

In tema legali jinsab ritenut li hemm l-*extra petita* meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur aktar 'l hinn mid-domanda

jew azzjoni avvanzata[2]. Fil-kawza ***Joseph Mallia Bonello vs Paul Camilleri et***, il-Qorti applikat is-segwenti insenjamenti:-

"*Hu naturali li l-Qorti hi marbuta bil-parametri tat-talbiet kif proposti mill-atturi u ma tistax tiddipartixxi minnhom, ghaliex diversament id-decizjoni tkun extra petita" - Vol.XXXIII.i.748 u dan billi l-Qorti ma tistax tissostitwixxi, izzid jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas dwar l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni - Vol. XIV.ii.480.*"

Ghalhekk il-Qorti tqis li tkun qed taggudika *extra petita* jekk issib li z-zwieg huwa null abbazi ta' l-Artikolu 19A u sejra ghalhekk tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha dwar it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg de quo, abbazi ta' l-Artikolu 19(1)(c), (d) u (h).

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuta fir-risposta guramentata taghha, qablet li z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null izda kkontestat ir-ragunijiet migjuba minnu in sostenn tat-talba. Sussegwentement, fil-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2017, il-konvenuta kkonfermat bil-gurament li qed tammetti l-kawza[3]. Il-Qorti tosserva li l-unika talba ta' l-attur hija ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-istess zwieg abbazi tas-subincizi (c), (d) u (h) ta' l-Artikolu 19(1) u ghalhekk tifhem illi bid-dikjarazzjoni guramentata taghha a fol. 34, il-konvenuta estendiet l-applikazzjoni ta' l-ammissjoni generika taghha li z-zwieg huwa null, ghal dawk ir-ragunijiet indikati espressament mill-attur fir-rikors guramentat tieghu, kif ukoll ghall-kawzali minnu mfisser fit-tielet premessa tar-rikors guramentat tieghu fejn jiddikjara:-

"3. *Illi l-intimata ghandha relazzjoni ma' mara ohra, fatt li r-rikorrent ma kienx jaf bih qabel iz-zwieg.*"

Qabel xejn, in vista tal-qbil generali li jirrizulta li hemm bejn il-partijiet li z-zwieg taghhom huwa null u invalid u l-ammissjoni tal-konvenuta, il-Qorti tqis li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-serjeta` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda

[2] Appell Superjuri ***Prof. Joseph Galea v. Dr.Antonio Bonnici***, deciza 6 Novembru 1961
[3] Vide verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2017.

b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li telenka kategorikament ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikajrat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalid, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"[4]

In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[5]:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett... Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Finalment, fis-sentenza ***Anna Tonna vs Alexander Tonna***[6], il-Qorti ta' l-Appell ghamlet dan l-insenjament:-

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

Ghalhekk, f'kull kaz, il-Qorti ghandha tgharbel il-provi u abbazi ta' dawk il-provi migjuba, tqis jekk jirrizultawx ragunijiet cari u serji li huma kontemplati mil-Ligi u li jwassluha ghall-konvinciment li z-zwieg huwa tassew invalid, u dan

[4] ***Joseph Zammit vs Bernadette Zammit***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 Jannar 2006.
[5] ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987.
[6] Deciza 6 Novembru 1991.

irrispettivament mill-amissjoni tal-parti l-ohra li z-zwieg ghandu jigi dikjarat li huwa null.

Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(c)

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna fl-interpretazzjoni taghhom ta' l-elementi mehtiega biex tigi ravvizata n-nullita` taht dan is-subinciz, li jridu jikkonkorru b'mod kumulattiv is-segwenti rekwiziti:-[7]

"*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*
*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et nomine*** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, gew hekk elaborati l-elementi li jikkostitwixxu dan il-*caput nullitatis*:-

*"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*
*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*
*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*
*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*
*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*
*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*
*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali."*

In kwantu ghall-kwalita` ta' l-oggett tal-qerq – ghaliex mhijiex kull kwalita` tal-konjugi li tikkonfigura fit-termini ta' dan is-subinciz – il-kwalita` ghandha jkollha l-karatteristici li gew imfissrin fis-sentenza ***John Borg vs Paula sive Polly Borg***[8]:-

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in*

---

[7] ***Mary Farrugia vs Joseph Farrugia***, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Marzu 1995.
[8] Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1995.

*this sense, they are merely arbitrary or trivial". (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot.-** *Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur, Montreal).*"

F'***Marica D'Amato vs Philip D'Amato***[9] gie ulterjorment ritenut illi:-

"*Meta l-ligi titkellem "dwar xi kwalita' tal-persuna l-ohra" wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita', kultura, posizzjoni socjali, konvinzjonijiet morali, u edukazzjoni tal-konjugi l-iehor. Dan dejjem b'referenza ghall-mument taz-zwieg. U allura ma jistax jittiehed qies ta' dik il-verita' dwar dawn il-kwalitajiet skoperti wara z-zwieg.*"

In kwantu ghall-element tal-qerq, fis-sentenza fl-ismijiet ***Pierina Micallef vs Bentanfous Amor***[10] il-qorti analizzat l-element tal-qerq fil-qafas partikolari tal-kunsens matrimonjali:-

*"Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)) ... "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`" (Vol. XXIV P II p 578)."*

Ikkunsidrat;

Hija hasra li l-provi li ressqu l-partijiet in sostenn ta' din il-kawzali tan-nullita`, senjatament dawk il-provi mehtiega biex jindirizzaw ir-rekwiziti tas-subinciz (c) kif imfissrin mill-gurisprudenza appena citata, huma tassew skarsi. Il-Qorti ghandha quddiemha biss id-dikjarazzjoni netta tal-konvenuta li hija omosesswali u li ilha thoss din l-orjentazzjoni sesswali sa minn ckunitha, u l-verzjoni ta' l-attur fejn qal li huwa skopra din il-kwalita` tal-konvenuta biss wara z-zwieg ghaliex il-konvenuta qatt ma qaltlu biha. Evidentement, l-orjentazzjoni sesswali tal-konvenuta bhala omosesswali hija kwalita` ta' l-istess konvenuta li fiha nnifisha u oggettivament, tfixkel serjament jekk mhux irrimedjabbilment ir-relazzjoni matrimonjali ma' l-attur. Ghalkemm din il-kwalita` tal-konvenuta jirrizulta wkoll li hija inerenti fil-persuna taghha, ezistenti fil-mument taz-zwieg u gravi, fis-sens li jrid is-subinciz (c) in dizamina, u ghalkemm jista' jirrizulta wkoll li din il-kwalita` ma kienetx maghrufa lill-attur qabel iz-zwieg, l-element tal-qerq f'dan il-kaz, huwa manifestament karenti.

---

9 Deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
10 Prim'Awla, 9 Dicembru 2002.

Il-partijiet ma ressqu ebda provi biex juru li l-konvenuta hbiet xjentement, wisq anqas frawdolentement, l-orjentazzjoni sesswali taghha bl-intenzjoni li tikseb il-kunsens matrimonjali ta' l-attur. L-attur innifsu jghid li huwa hataf l-opportunita` li jzewweg lill-konvenuta u, appropozitu, ma jistax ma jigix oservat li skond l-istess attur, il-partijiet ma kellhomx relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg. Ghalhekk, certament li mhux il-kaz li l-konvenuta ppruvat tqarraq bih billi jkollha relazzjonijiet intimi mieghu biex tizvijah dwar in-natura sesswali veru taghha. L-attur stess stqarr fl-Affidavit tieghu li l-konvenuta kienet tifla kwieta u genwina. Fuq kollox, il-konvenuta cahdet specifikatament li qarrqet bl-attur dwar l-orjentazzjoni sesswali taghha meta fir-risposta guramentata taghha ikkonfermat li hija kienet ammettiet ma' l-attur qabel iz-zwieg "*li kellha relazzjoni ma' mara ohra u ma kienetx certa mill-pass li kienet ser taghmel*".

Peress li ma jirrizultax l-element ta' habi u kwindi ta' malafede da parti tal-konvenuta, iz-zwieg ma jistax jitqies li huwa null ai termini tas-subinicz (c) ta' l-Artikolu 19(1).

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tielet eccezzjoni fir-risposta guramentata taghha, il-konvenuta tghid li z-zwieg huwa null taht l-Artikolu 19(1)(c) ghaliex il-kunsens taghha inkiseb b'qerq dwar kwalita` ta' l-attur li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-konvenuta fissret illi hija ma kienetx taf li meta zzewgu, l-attur kien ghadu mizzewweg ma' mara ohra fl-Egittu u kellu zewgt itfal.

Illi biex jirribatti din l-eccezzjoni, l-attur esebixxa[11] kopja fotostatika ta' traduzzjoni bil-lingwa Ingliza ta' digriet ta' divorzju moghti minn qorti ta' gurisdizzjoni barranija datat 3 ta' Mejju 1998. Jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg[12] bejn il-partijiet illi huma zzewgu fit-30 ta' Settembru 1998. Ghalhekk certament mhux minnu l-allegazzjoni tal-konvenuta li meta zzewwigha, l-attur kien mizzewweg ma' mara ohra. F'kull kaz, il-konvenuta ma xehditx u ma ressqet ebda provi dwar din l-eccezzjoni u l-Qorti tifhem, anke fid-dawl tad-dikjarazzjoni li ghamlet fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2017, li l-konvenuta ma ghadhiex tinsisti dwarha u ghalhekk qed tigi michuda.

<u>Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(d)</u>

Dan l-Artikolu jiddisponi illi z-zwieg jista' jigi dikjarat null:-

---

[11] A fol. 25-27.
[12] A fol. 5

"***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."***

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta. Biex jigu stabbiliti x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga, ghandha ssir referenza lill-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili, fejn fl-Ewwel Ktieb jinsabu elenkati l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

*"2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiejiet tal-familja."*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza ***Charles Atkins vs Matilde Atkins***[13], inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan is-subinciz u xi jrid jigi ppruvat sabiex talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg imsejsa fuqu tigi milqugha:-

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda <u>konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur</u>. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.*" [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[13] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 2 ta' Ottubru 2003.

Huwa wkoll pacifiku illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Fis-sentenza ***Melanie Borg Cachia Vs Joseph Borg***[14] gie rapportat hekk:-

*"B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*(Sottolinejar ta' din il-Qorti).

Ukoll fis-sentenza ***Mario Mizzi vs Maris Mizzi***, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005 jinghad li:-

"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*" [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Finalment, kif gie rapportat fil-kawza ***Janet Portelli v. Victor Portelli***[15]:-

*"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Ikkunsidrat;

[14] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 29 ta' Mejju 2003.
[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-14 ta' Awissu 1994.

Il-partijiet jaqblu illi z-zwieg taghhom huwa null peress li l-konvenuta ghandha u dejjem kellha orjentazzjoni omosesswali. L-attur isostni li huwa sar jaf li martu hija omosesswali biss wara z-zwieg, meta ra li hi bdiet tohrog man-nisa bil-lejl u ddecieda li jikkonfrontaha, filwaqt li l-konvenuta tghid li hi kienet stqarret mieghu qabel iz-zwieg li ghandha gibda lejn in-nisa u ebda gibda lejn l-irgiel. F'kull kaz, il-Qorti tinsab sodisfatta li l-konvenuta kienet thoss din l-orjentazzjoni sesswali sa minn qabel iz-zwieg meta kellha addirittura relazzjoni ma' mara ohra, liema konvinzjoni jidher li giet rinforzata wara z-zwieg. Gie ppruvat sodisfacjentement ukoll li l-attur, qabel iz-zwieg, ma kienx konxju talanqas ta' l-entita` tal-gibda li kellha l-konvenuta lejn in-nisa.

Il-Qorti tosserva li l-partijiet izzewgu biss hames xhur wara li bdew johrogu flimkien, u dan meta l-attur kellu sitta u tletin sena filwaqt li l-konvenuta kellha biss tmintax-il sena. Jidher pjuttost evidenti li l-konvenuta zzewget lill-attur fi zmien meta kienet ghadha qed tesplora s-sesswalita` taghha u ma kienetx ghadha certa dwar l-orjentazzjoni sesswali taghha. Fil-fatt, fir-risposta guramentata taghha hija ddikjarat li kienet tinsab "*f'sitwazzjoni konfuzjonarja*" u ma kienetx certa bil-pass li kienet ser taghmel biex izzewwget lill-attur, filwaqt illi l-attur stess fl-Affidavit tieghu stqarr li hass li l-konvenuta kellha bzonn iz-zmien biex "*tara xi trid jew minn hi*". Dan jinsab konfortat ulterjorment mill-fatt illi skond l-attur, ma kien hemm ebda relazzjonijiet intimi ma' martu la qabel u lanqas wara z-zwieg.

Il-Qorti tqis li fl-eta` ta' tmintax-il sena il-konvenuta ma setghetx kellha dik il-maturita` sesswali biex ikollha certezza assoluta dwar l-orjentazzjoni sesswali taghha. Billi seta' kien jezisti wkoll dak iz-zmien certu *taboo* socjali relatat ma' l-omosesswalita`, hija ragjonevoli l-konkluzjoni (anke fid-dawl tax-xhieda ta' l-attur kif ukoll id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-konvenuta), li l-konvenuta accettat li tizzewweg lill-attur biex tikkonvinci lilha nnifisha jew tinnega l-orjentazzjoni omosesswali li kienet thoss go fiha. Altrimenti ma kienetx tizzewweg lill-konvenut. Huwa minnu li l-attur ried akkost ta' kollox jizzewweg u jkollu familja wara li l-ewwel zwieg tieghu spicca f'divorzju ftit qabel. Madanakollu, ma jirrizultax li l-konvenuta kienet imgieghla tizzewweg lill-attur, jew li kien hemm xi pressjoni preponderanti mill-attur f'dan ir-rigward, wisq anqas mill-familja taghha, ghalkemm il-konvenuta tghid li kienet tibza' mill-attur. Izda l-konvenuta ma gabet ebda provi biex tissostanzja din l-allegazzjoni taghha.

Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett jew ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju[16]. Tenut kont tac-

[16] Prim'Awla: ***Selina Maria Vella Haber vs. Joseph Gatt*** – deciza fil-15 ta' April 1996.

cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis illi l-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva tal-konvenuta, kif ukoll il-maturita` affettiva taghha, kienet imfixkla tant li rrenda l-kunsens taghha ghaz-zwieg, invalidu.

In propositu, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva jimporta:-

*"... generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che* *__se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore__. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]."*[17] [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Kjarament, il-konvenuta, minhabba l-konfuzjoni fl-orjentament sesswali taghha u l-fatt li izzewget lill-attur wara relazzjoni ta' biss hames xhur, ma setghetx taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg[18]. Infatti, skond l-attur, il-konvenuta baqghet tghix hajja ta' xebba wara li kienu zzewgu, u kienet tohrog bil-lejl man-nisa. Il-fatt li l-konvenuta ma setghetx ikollha relazzjonijiet intimi ma' rgiel minhabba l-orjentament omosesswali taghha, u l-fatt li dan wassal inevitabbilment ghall-infedelta` u nuqqas ta' intimita`, jikkonferma kif din il-kwalita` tal-konvenuta rrendiha inkapaci li tapprezza l-obbligi li ggib mieghu iz-zwieg, fosthom l-obbligi tal-fedelta` u stabbilita` fir-relazzjoni matrimonjali. Isegwi ghalhekk li l-konvenuta, fic-cirkostanzi taghha, ma setghetx taghti kunsens liberu u xjenti fuq l-oggett tal-kunsens ghaz-zwieg ma' l-attur. Dan jinkwadra perfettament fl-insenjament pacifiku illi l-kunsens jitqies li jkun inghata invalidament jekk jirrizulta li l-kapacita` psikika tkun mahkuma minn impulsi nterni li jnaqqsu l-liberta` tal-ghazla u li jkunu determinanti ghall-ghazla[19].

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat minn difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju ai termini tas-subinciz (d) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Il-Qorti ma tqisx illi jirrizulta sufficjentement ippruvat mill-provi mressqa, illi l-kunsens ta' l-attur ukoll kien invalidu skond l-istess subinciz.

Finalment, in vista tal-fatt illi z-zwieg qed jigi dikjarat li huwa null a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255, ma hemmx htiega li l-Qorti tinvestiga jekk iz-zwieg jista' jkun null ukoll ghall-finijiet ta' l-Artikolu 19(1)(h).

---

[17] *Il Diritto Canonico Matrimoniale* – Bersini - citat fil-kawza ***Raymond Theuma s. Carmen Theuma*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell 27 ta' Jannar 2006.
[18] Appell Civili ***Caroline Grech vs Ian Borg***, deciza fis-27 ta' Jannar 2006.
[19] Citata ***f'Simon Cusens vs Romina Cusens***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-_____

Il-Qorti lanqas tirravviza l-kontradittorjeta` li teccepixxi l-konvenuta fir-raba' eccezzjoni taghha, bejn iz-zewg dispozizzjonijiet ta' l-istess Artikolu 19(1)(d). Apparti li huwa ftit spjegabbli kif jista' jigi allegat li tezisti kontradittorjeta` f'disposizzjoni unika tal-Ligi li tipprovdi wahda mir-ragunijiet li ghalih zwieg jista' jigi dikjarat invalidu, il-Qorti tqis li galadarba l-konvenuta sussegwentement registrat ammissjoni ghat-talba attrici, din l-eccezzjonijiet qed tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-30 ta' Settembru 1998 huwa null u invalidu ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(d).

B'referenza ghall-verbal konguntiv tal-partijiet waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2017, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**